**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Christopher Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Numru: 192/2020**

**Illum, 5 ta' Mejju, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christopher Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' 212781M akkuzat talli nhar it-28 ta' Frar 2020 gewwa Pjazza Narbona, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer ghall-habta ta' 23:15hrs ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shaunvic Felice.

1. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ghamiltu lil Shaunvic Felice, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta'

Malta, jew jekk kien pprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi: kisru l-bon ordni u l-paci pubblika, b'ghajjat u glied.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll tohrog ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Shaunvic Felice.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 24 ta' Frar 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Monica Vella LL.D. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Antonio Briffa, kif ukoll tordna li s-somma 5000 elef euro bhala depositu u s-somma ta' hamsa u ghoxrin il-elf (€25,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-art 49, 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti, kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat Christopher Azzopardi u cioe`:

a. Fl-artikolu 338(cc) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. Fl-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza, hekk kif xehed **l-Ispettur Wayne Borg**, titratta fuq allegat argument li nqala' bejn numru ta' persuni hdejn il-hanut Pinto li jinsab hdejn il-knisja ta' San Bastjan, f'Hal Qormi. Jghid illi meta marru fuq il-post il-pulizija sabu numru ta' persuni fejn fosthom kien hemm Cristina Azzopardi li tigi l-mara tal-akkuzat fejn qaltilhom li f'hanut La Storia kien hemm ragel u cioe' Shaunvic Felice li kien qed jixrob mal-bar u kien ha numru ta' xorb mhux hazin u li kienet infurmatu li ma kinitx ser ittih xorb aktar. Qaltilhom illi dak il-hin Shaunvic dahal wara l-bar, neza' l-qmis u beda jaghmel mossi strambi fejn imbaghad gie r-ragel taghha l-akkuzat u hargu barra. Ix-xhud jghid illi fuq il-post kellem lill-imputat fejn dan qallu li kien ra lil Shaunvic iwaqqa' xi tazzi fil-bar

u jpejjep gol-hanut u meta qallu biex johrog dan ma riedx u ghalhekk kellu johorgu. Qallu illi wara li ra l-Shaunvic jitlaq rega' rah wara ftit gej b'sikkina u beda jghajjatlu bil-laqam tieghu u dan beda jigri warajh b'din is-sikkina. Jghid illi din is-sikkina giet wara elevata mill-hanut li jismu Martinas li jinsab biswit La Storia. Jghid ukoll illi x-xhud Charmaine Portelli kkonfermat il-verzjoni tal-imputat u l-mara tieghu.

Ix-xhud jghid ukoll illi l-imputat beda jghajjat li kellu revolver u li kien ser jispara lil Shaunvic izda meta gie mitkellem l-imputat qal illi beda jghid dawn il-kliem biex forsi Shaunvic jibza' u jitlaq minhabba l-fatt li kellu s-sikkina. Illi dan ir-revolver fil-fatt qatt ma nstab meta saret tfittxija fil-vettura tal-imputat. L-imputat qallu wkoll illi meta ra lil Shaunvic gej ghalih bis-sikkina kien qala' seratizz minn fuq mejda sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Ix-xhud jghid ukoll illi gie elevat filmat tal-incident fejn kien jidher lill-parte civile gej ghall-imputat b'sikkina twila.

L-Ispettur Wayne Borg esebixxa r-rapport tal-incident li gie mmarkat bhala Dok. WB1.

Sussegwentement xehed <u>l-Ispettur Roderick Agius</u> illi pprezenta l-istqarrija tal-imputat Christopher Azzopardi u Shaunvic Felice.

Xehed il-parte civile <u>Shaunvic Felice</u> li kkonferma li ma kienx ser jixhed u dan stante li ma jinkriminax ruhu.

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi l-Qorti tinnota li dawn il-proceduri kontra l-imputat Christopher Azzopardi qatt ma kellhom jinbdew ghaliex mid-diversi verzjonijiet migbura tul l-investigazzjoni tal-pulizija hareg car il-komportament ostili tal-parte civile Shaunvic Felice li kien xurban u li kien hu li aggredixxa lill-imputat u ghalhekk huwa ddecieda li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Inoltre', u ghalkemm l-Ispettur Wayne Borg xehed illi kien eleva filmat tal-incident, ghal xi raguni dan il-filmat l-anqas biss gie esebit u l-anqas gew imharrka x-xhieda l-ohra kollha li kienu prezenti waqt l-argument.

Illi ulterjorment anke fl-artikoli tal-Avukat Generali, l-Artikolu tal-griehi gravi ma giex inserit u dan probabbilment illi l-parte civile ma tax ix-xhieda tieghu u l-anqas gie kkonfermat ic-certifikat mediku mit-tabib li kien iccertifika l-griehi allegatament subiti mill-parte civile.

Ghaldaqshekk l-ebda wahda mill-akkuzi fil-konfront tal-imputat ma gewx ippruvati ghaliex ma ngabet l-ebda prova in sostenn taghhom.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Christopher Azzopardi** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**